

**Dispożittiv**

L-Artikoli 63 u 65 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu prassi fiskali ta' Stat Membru li skontha, għall-finijiet tat-taxxa fuq id-dħul ta' persuna fiżika residenti f'dan l-Istat Membru, id-dħul imħallas minn impriża għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) li għandha l-forma statutorja stabbilita fi Stat Membru ieħor ma huwiex assimilat mad-dħul imħallas mill-UCITS stabbiliti fl-ewwel Stat Membru, minħabba li dawn tal-aħħar ma għandhomx l-istess forma ġuridika.

(<sup>1</sup>) ĠU C 295, 2.9.2019.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Hames Awla) tad-29 ta' April 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio – l-Italja) – Granarolo SpA vs Ministero dell'Ambiente e della Tutela del Territorio e del Mare, Ministero dello Sviluppo Economico, Comitato nazionale per la gestione della Direttiva 2003/87/CE e per il supporto nella gestione delle attività di progetto del protocollo di Kyoto**

(Kawża C-617/19) (<sup>1</sup>)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 2003/87/KE – Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra – Artikolu 3(e) – Kunċett ta' "installazzjoni" – Artikolu 3(f) – Kunċett ta' "operatur" – Anness I, punti 2 u 3 – Regola tal-aggregazzjoni – Żieda tal-kapaċitajiet tal-attivitajiet ta' installazzjoni – Trasferiment ta' unità ta' koġenerazzjoni ta' elettriku u ta' sħana mill-proprietarju ta' stabbiliment industrijali – Kuntratt ta' provvista ta' enerġija bejn l-impriżi ċedenti u ċessionarja – Aġġornament tal-awtorizzazzjoni għall-emissjoni tal-gassijiet serra)*

(2021/C 263/05)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Granarolo SpA

Konvenuti: Ministero dell'Ambiente e della Tutela del Territorio e del Mare, Ministero dello Sviluppo Economico, Comitato nazionale per la gestione della Direttiva 2003/87/CE e per il supporto nella gestione delle attività di progetto del protocollo di Kyoto

fil-preżenza ta': E.ON Business Solutions Srl, li kienet E.ON Connecting Energies Italia Srl

**Dispożittiv**

L-Artikolu 3(e) u (f) tad-Direttiva 2003/87 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE, kif emendata bid-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009, moqri flimkien mal-punti 2 u 3 tal-Anness I tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li proprietarju ta' stabbiliment ta' produzzjoni, li jinkludi impjant termiku li l-attività tiegħu taqa' taħt dan l-Anness I, ikun jista' jikseb l-aġġornament tal-awtorizzazzjoni tiegħu li joħroġ gassijiet serra, fis-sens tal-Artikolu 7 ta' din id-direttiva, meta ttrasferixxa unità ta' koġenerazzjoni li tinsab fl-istess sit industrijali bħal dan l-istabbiliment u li twettaq attività li l-kapaċità tagħha hija inqas mil-limitu previst fl-imsemmi Anness I, lil impriża li tispeċjalizza fis-settur tal-enerġija, filwaqt li kkonkluda kuntratt ma' din l-impriża li jipprevedi b'mod partikolari li l-enerġija prodotta minn din l-unità ta' koġenerazzjoni tkun ipprovduta lil dan l-istabbiliment, fil-każ li l-impjant termiku ta' ġenerazzjoni tal-elettriku u l-unità ta' koġenerazzjoni ma jikkostitwixxux l-istess installazzjoni waħda, fis-sens tal-Artikolu 3(e) tal-imsemmija direttiva, u li, fi kwalunkwe każ, il-proprietarju tal-istabbiliment ta' produzzjoni ma għadux l-operatur tal-unità ta' koġenerazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 3(f) tal-istess direttiva.

(<sup>1</sup>) ĠU C 399, 25.11.2019.